MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2014

Numru. 531/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

***OMISSIS***

**FAISAL ABUSNINA**

***OMISSIS***

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **FAISAL ABUSNINA,** ta’ 31 sena, iben Muftah u Mabruka nee’ Alem, imwieled Libja, nhar it-8 ta’ Marzu 1983, u li joqghod Hal Far Open Centre, limiti ta’ Birzebbugia gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar l-1 ta’ Gunju 2014 ghall-1 ta’ Gunju, 2014 ghall-habta tas-siegha u kwart ta’ filghodu (1.15a.m.) f’Paceville, limiti ta’ San Giljan:

1. Ikkommeta serq ta’ kartiera, kontenenti dokumenti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta’ Davide Velluti u/jew ta’ xi persuna/i ohra;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom Asylum Seekers document li gie mmarkat Dok CSH, tlett stqarrijiet li gew immarkati Dok CSH1, Dok CSH2 u Dok CSH3, tlett conviction sheets li gew immarkati Dok CSH4, Dok CSH5 u Dok CSH6, zewg Swedish Migration Board Certificates li gew immarkati Dok CSH7 u Dok CSH8 u kunsens tal-Avukat Generali li gie mmarkat Dok CSH9.

Semghet l-imputat jiddikjara li ma jifhimx bil-lingwa Maltija u li huma ndigenti. Il-Qorti nnominat lil Dr Christopher Chircop bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex jassisti lill-imputat. Il-Qorti nnominat ukoll lill-interpretu Rami Hamid bhala nterpretu sabiex jittraduci mil-lingwa Gharbija ghal-lingwa Maltija u vici versa.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tat-tnejn (02) ta' Gunju 2014 u dana fil-presenza tal-avukat tal-ghajnuna legali u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tnejn (02) ta' Gunju 2014.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat Faisal Abusnina ikkoopera maghha sa mill-bidu nett ta' din l-investigazzjoni.

Rat illi l-imputat ikkoopera mal-Prosekuzzjoni mill-mument illi huwa rrilaxxa l-istqarrija tieghu nhar l-1 ta' Gunju 2014 tant li fil-fatt ta l-informazzjoni kollha mitluba minnu lill-Pulizija Ezekuttiva.

Rat illi l-imputat ghandu fedina penali netta.

Rat illi bl-ammissjoni tieghu l-Prosekuzzjoni se tkun f'pozizzjoni li tressaq lil dan ix-xhud biex jixhed fil-konfront tal-ko-akkuzati.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u Artikoli 261, 262(1)(b), 270, 276 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-**

**imputat FAISAL ABUSNINA hati tal-akkuza kif moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tieghu u tikkundannah piena karcerarja ta' sena (1) sospiza ghal tlett (3) snin ai termini tal-Artikolu 28(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------